



2023/2767

14.12.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2767

tat-13 ta' Diċembru 2023

li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn karozzi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati tal-vetturi li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631 jipprevedi l-possibbiltà li jitqies l-iffrankar tas-CO₂ li jinkiseb permezz tal-użu ta' tali teknoloġiji innovattivi fil-karozzi tal-passiġġieri jew fil-vetturi kummerċjali ħfief, iżda li ma jistgħux jiġu kkwantifikati bis-sħiħ bl-użu tal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP).
- (2) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 ⁽²⁾ u (UE) Nru 427/2014 ⁽³⁾ jistabbilixxu proċeduri għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ rispettivament minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief. Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni ta' daww ir-Regolamenti jvarja, il-kontenut tagħhom huwa kważi identiku.
- (3) Il-kampijiet ta' applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u (UE) Nru 427/2014 jipprevedu li t-titjib fl-effiċjenza għas-sistemi tal-arja kundizzjonata ma huwiex eliġibbli bħala ekoinnovazzjoni filwaqt li l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631 jipprevedi li tali titjib fl-effiċjenza se jsir eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u (UE) Nru 427/2014 biex jiġu allinjati mar-Regolament (UE) 2019/631 u jiġi żgurati li l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu sottomessi qabel l-2025 sabiex il-manifatturi tal-vetturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-2025 'il quddiem.
- (4) Huwa xierqa li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u (UE) Nru 427/2014 jingħaqdu f'Regolament, filwaqt li jiġu riportati l-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tagħhom u jiġu introdotti dispożizzjonijiet ġodda taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631 u, fejn meħtieġ, jitwassal titjib ibbażat fuq l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u (UE) Nru 427/2014. Għalhekk, huwa xieraq li daww ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni jitħassru u jiġu sostitwiti b'Regolament ta' Implimentazzjoni wieħed.
- (5) Il-manifatturi jew il-fornituri jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet li jipproponu teknoloġija innovattiva bħala ekoinnovazzjoni. Applikazzjonijiet bħal dawn jenħtieġ li jipproponu metodoloġija li jkun fiha l-elementi kollha meħtieġa biex ikun determinat b'mod akkurat l-iffrankar miksub tal-emissjonijiet tas-CO₂, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-identifikazzjoni ta' linja bażi xierqa, il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-ittestjar u l-użu tad-dinja reali tat-teknoloġija innovattiva. Tali applikazzjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll rapport ta' verifika mfassal minn korp indipendenti u ċ-ċertifikat li juri l-eliġibbiltà u l-kwalifiki tat-teknoloġija innovattiva.

⁽¹⁾ ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 57).

- (6) Sabiex tiġi ssimplifikata ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tas-CO₂, jenħtieġ li applikant ikun jista' jipproponi, minbarra metodoloġija tal-ittestjar dettaljata biex jiġi ddeterminat l-iffrankar, metodu ssimplifikat ta' evalwazzjoni jew iffrankar tas-CO₂ predefinit fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' teknoloġija innovattiva bħala ekoinnovazzjoni. Meta jintużaw dawn il-metodi ssimplifikati jew l-iffrankar tas-CO₂ predefinit, l-iffrankar iċċertifikat mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni jenħtieġ li jiġi ddeterminat b'mod konservattiv li jirrifletti l-aktar livell baxx ta' ffrankar muri.
- (7) Wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni minn manifattur jew fornitur, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompletezza u l-kontenut tal-applikazzjoni u tiddeċiedi fi żmien 9 xhur dwar jekk tistax tapprova l-ekoinnovazzjoni jew le.
- (8) Il-manifatturi tal-vetturi li jixtiequ jużaw l-ekoinnovazzjoni biex jibbenefikaw minn tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tal-flotta tagħhom jenħtieġ li jiddeterminaw l-iffrankar tas-CO₂ għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip abbażi tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni. Sabiex jiġi limitat il-mekkaniżmu tal-ekoinnovazzjoni għat-teknoloġiji b'impatt aktar sinifikanti fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu minimu ta' 0,5 g/km ta' ffrankar għal kull innovazzjoni.
- (9) Meta vettura tkun mgħammra b'aktar minn ekoinnovazzjoni waħda, l-interazzjoni bejn dawk it-teknoloġiji tista' twassal biex l-iffrankar tas-CO₂ ikkombinat tagħha jkun anqas mis-somma tal-iffrankar individwali. Kwalunkwe forma ta' tali interazzjoni jenħtieġ li tiġi vvalutata kemm fl-istadji tal-applikazzjoni kif ukoll fl-istadji tal-approvazzjoni tat-tip għall-iżgurar ta' reġistrazzjoni preċiża tal-iffrankar tas-CO₂.
- (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tirrieżamina l-iffrankar tas-CO₂ tal-ekoinnovazzjoni attribwit lil vetturi individwali biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita għall-approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ⁽⁴⁾, fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/631, u fil-paragrafu 3 tar-Regolament tan-NU Nru 154 ⁽⁵⁾.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tan-NU Nru 154 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP) [2022/2124] (ĠU L 290, 10.11.2022, p. 1).

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “teknoloġija innovattiva” tfisser teknoloġija li tkun ġiet installata fi 3 % jew anqas tal-karozzi tal-passiġġieri l-ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena *n-4* għall-applikazzjonijiet relatati ma’ karozzi tal-passiġġieri jew fi 3 % jew anqas tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena *n-4* għall-applikazzjonijiet relatati ma’ vetturi kummerċjali ħfief, fejn *n* hija s-sena tal-applikazzjoni, jew taħlita ta’ teknoloġiji bħal dawn b’aspetti u karatteristiċi tekniċi simili, u li għalihom jista’ jintwera l-iffrankar tas-CO₂ bl-użu ta’ metodoloġija waħda;
- (2) “ekoinnovazzjoni” tfisser teknoloġija innovattiva akkumpanjata minn metodoloġija tal-ittestjar li ġiet approvata mill-Kummissjoni f’konformità ma’ dan ir-Regolament;
- (3) “fornitur” tfisser il-manifattur ta’ teknoloġija innovattiva responsabbli għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-Unjoni, jew l-importatur;
- (4) “applikant” tfisser manifattur jew fornitur, jew grupp ta’ manifatturi jew fornituri, li jissottometti applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni;
- (5) “deċiżjoni tal-approvazzjoni” tfisser Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni ta’ teknoloġija innovattiva bħala ekoinnovazzjoni;
- (6) “korp indipendenti u ċertifikat” tfisser servizz tekniku tal-kategorija A jew B imsemmi fir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, l-Artikolu 68(1), il-punti (a) u (b), li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f’dak ir-Regolament, l-Artikoli 69 u 70, u li ma huwiex servizz tekniku intern ta’ manifattur;
- (7) “kundizzjonijiet speċifiċi tat-test” tfisser kundizzjonijiet tat-test li huma stabbiliti għall-fini li jintwera l-iffrankar tas-CO₂ tat-teknoloġija innovattiva b’sinifikat statistiku kbir u li ma humiex stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1151;
- (8) “vettura ekoinnovattiva” tfisser vettura mgħammra bit-teknoloġija innovattiva, jew bit-teknoloġija innovattiva bħala komponent waħdu;
- (9) “vettura bażi” tfisser vettura li ma tkunx mgħammra bit-teknoloġija innovattiva iżda li tkun identika fl-aspetti l-oħra kollha għall-vettura ekoinnovattiva, jew teknoloġija bażi bħala komponent waħdu.

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni

1. Applikant għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-approvazzjoni ta’ teknoloġija innovattiva bħala ekoinnovazzjoni (“applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni”) lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika. Jekk id-*data* ta’ sostenn ma tkunx tista’ tintbagħat bil-posta elettronika, din għandha tintbagħat fuq mezz elettroniku tad-*data* jew tittella’ f’server aċċessibbli mill-Kummissjoni.

2. Applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

- (a) id-dettalji ta’ kuntatt tal-applikant;
- (b) deskrizzjoni tat-teknoloġija innovattiva, il-mod kif titwaxx fuq vettura, il-kategorija tal-vettura (jiġifieri M1 jew N1), it-tip ta’ propulsjoni (jiġifieri vettura ICE pura, NOVC-HEV jew OVC-HEV), it-tip ta’ fjuwil u l-modalità tal-fjuwil koperta;
- (c) proposta għal metodoloġija biex turi l-iffrankar tas-CO₂ tat-teknoloġija innovattiva jew, fejn tali metodoloġija tkun diġà stabbilita f’deċiżjoni tal-approvazzjoni eżistenti, referenza għal tali metodoloġija;
- (d) rapport ta’ verifika.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151 14.6.2018, p. 1).

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-punt (c), l-applikant jista' jinkludi wkoll fl-applikazzjoni tiegħu metodoloġija ssimplifikata assoċjata mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), jew il-valuri ta' ffrankar tas-CO₂ predefiniti.
4. Meta l-applikant ikun grupp ta' manifatturi jew fornituri, u fejn meħtieġ għal raġunijiet relatati mal-kunfidenzjalità jew mal-kompetizzjoni, jistgħu jiġu pprovduti diversi rapporti ta' verifika mill-membri tal-grupp applikant għal settijiet differenti ta' *data* li jappoġġaw l-istess applikazzjoni.

Artikolu 4

Metodoloġija biex jintwera l-iffrankar tas-CO₂ tat-teknoloġija innovattiva

1. Il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), u, fejn applikabbli, il-metodoloġija ssimplifikata assoċjata msemmija fl-Artikolu 3(3), għandha tipprovi riżultati f'termini ta' ffrankar tas-CO₂ li huma verifikabbli, ripetibbli u riproduċibbli.
2. Il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament għandha:
 - (a) tiddefinixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test;
 - (b) tidentifika vettura ta' referenza li hija appoġġata minn evidenza statistika li abbażi tagħha jstgħu jsiru suppożizzjonijiet verifikabbli dwar l-adeqwatezza u r-rappreżentattività tagħha;
 - (c) tistabbilixxi kif għandu jiġi ddeterminat l-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO₂ mit-teknoloġija innovattiva, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test imsemmija fil-punt (a), l-użu reali tat-teknoloġija innovattiva, appoġġati minn evidenza statistika, u l-punt sa fejn it-teknoloġija innovattiva hija diġà koperta mit-test tat-Tip 1 li huwa stabbilit fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151;
 - (d) tqis kwalunkwe effett ta' deterjorament tat-teknoloġija maż-żmien u sa liema punt jimmodifika l-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO₂;
 - (e) meta rilevanti, tqis l-interazzjoni ma' ekoinnovazzjonijiet oħra u sa liema punt timmodifika l-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO₂.
3. Il-metodoloġija ssimplifikata msemmija fl-Artikolu 3(3) għandha tipprovi r-riżultati f'termini tal-iffrankar tas-CO₂ li huma anqas jew ugwali għal dawk iddeterminati bl-użu tal-metodoloġija assoċjata msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), inkluża kwalunkwe interazzjoni possibbli ma' ekoinnovazzjonijiet approvati oħrajn.
4. Fil-każ ta' valuri tal-iffrankar tas-CO₂ predefiniti proposti f'konformità mal-Artikolu 3(3), dawk il-valuri għandhom ikunu anqas jew ugwali għall-iffrankar tas-CO₂ iddeterminat f'konformità mal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).

Artikolu 5

Rapport ta' verifika

1. Fir-rapport ta' verifika msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament, il-korp indipendenti u ċertifikat għandu:
 - (a) jiddikjara li jikkwalifika bħala korp indipendenti u ċertifikat;
 - (b) jagħti prova li t-teknoloġija proposta jew il-kombinazzjoni ta' teknoloġiji jikkwalifikaw bħala teknoloġija innovattiva;
 - (c) juri li t-teknoloġija innovattiva tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2019/631;
 - (d) juri li t-teknoloġija innovattiva hija relatata ma' oġġetti intrinżiċi għat-tħaddim effiċjenti tal-vettura jew tikkostitwixxi titjib fl-effiċjenza għas-sistemi tal-arja kundizzjonata;
 - (e) juri li l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 3 jissodisfaw ir-rekwiżiti kif previst fl-Artikolu 4;

- (f) jiddeskrivi l-interazzjoni bejn it-teknoloġija innovattiva u l-ekoinnovazzjonijiet kollha koperti mid-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni li jistgħu jitwaxxlu mal-istess vettura, u speċifika l-impatt ta' kwalunkwe interazzjoni bħal din fuq l-iffrankar totali tas-CO₂.
2. Meta l-applikazzjoni tikkonċerna teknoloġija innovattiva diġà koperta minn deċiżjoni tal-approvazzjoni eżistenti, il-paragrafu 1, il-punti (b) sa (f), jistgħu jiġu sostitwiti b'referenzi għal tali deċiżjoni tal-approvazzjoni.

Artikolu 6

Verifika tad-deċiżjoni ta' kompletezza u approvazzjoni tal-applikazzjoni

1. Fi żmien 10 ijiem xogħol minn meta tirċievi applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-applikant jekk l-applikazzjoni titqiesx kompluta jew le. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-applikant jipprovdi elementi addizzjonali biex ilesti l-applikazzjoni tiegħu u għandha tinnotifika lill-applikant fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi dawn l-elementi addizzjonali jekk l-applikazzjoni titqiesx kompluta jew le.
2. Jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni nieqsa sal-iskadenza stipulata mill-Kummissjoni, l-applikazzjoni għandha titqies irtirata.
3. Ladarba tkun sabet li applikazzjoni tkun kompluta, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bil-valutazzjoni tagħha. Meta l-Kummissjoni ssib li l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 3 ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kif stabbiliti fl-Artikolu 4, tista' taġġusta l-metodoloġija jew tipproponi metodoloġija oħra għajr dawk proposti mill-applikant. F'każijiet bħal dawn, l-applikant għandu jiġi kkonsultat.
4. Fi żmien 9 xhur mill-wasla ta' applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni kompluta, il-Kummissjoni għandha toħroġ deċiżjoni tal-approvazzjoni jekk tikkonkludi li r-rapport ta' verifika msemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (d), jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5. Jekk ma tikkonkludix dan, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-applikant bir-rifjut tal-applikazzjoni u għandha tipprovdi ġustifikazzjonijiet.
5. Il-perjodu ta' 9 xhur imsemmi fil-paragrafu 4 jista' jiġi estiż sa 5 xhur meta l-Kummissjoni ssib li, minħabba l-kompleksità tat-teknoloġija innovattiva jew il-metodoloġija ta' akkumpanjament, l-applikazzjoni għall-ekoinnovazzjoni ma tkunx tista' tiġi vvalutata kif xieraq fi żmien 9 xhur.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni kompluta għall-ekoinnovazzjoni, tinnotifika lill-applikant bl-iskadenza estiża.

6. Id-deċiżjoni tal-approvazzjoni għandha tispeċifika l-informazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni tal-iffrankar tas-CO₂ f'konformità mal-Artikolu 7.
7. Fi kwalunkwe ħin, il-Kummissjoni tista' temenda deċiżjoni tal-approvazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess, b'mod partikolari biex tqis il-progress tekniku.

Artikolu 7

L-iffrankar tas-CO₂ ċertifikat mill-ekoinnovazzjonijiet

1. Manifattur li jkun jixtieq jibbenefika minn tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ tiegħu permezz tal-iffrankar tas-CO₂ minn ekoinnovazzjoni għandu jipproċedi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1151, l-Anness XII, u jirreferi għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija fir-Regolament (UE) 2017/1151, l-Anness XII, għandha tiddetermina l-iffrankar tas-CO₂ tal-ekoinnovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2018/858, bl-użu ta' metodoloġija stabbilita fid-deċiżjoni tal-approvazzjoni.
3. Meta l-iffrankar tas-CO₂ għal vettura individwali jkun anqas minn 0,5 g/km, l-iffrankar tas-CO₂ ma għandux jitqies għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip, u l-valur tagħhom ma għandux jiġi indikat fiċ-Ċertifikat ta' Konformità.

4. Meta l-vetturi jkunu mgħammra b'diversi ekoinnovazzjonijiet, il-manifattur, fl-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1151, l-Anness XII, għandu jiddikjara jekk l-interazzjonijiet bejn l-ekoinnovazzjonijiet jistgħux jaffettwaw l-iffrankar totali tas-CO₂ tagħhom jew le.

Jekk l-ekoinnovazzjonijiet ma jkollhom l-ebda interazzjoni bħal din, l-iffrankar tas-CO₂ għandu jintwera separatament għal kull ekoinnovazzjoni u l-iffrankar totali tas-CO₂ għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tal-vetturi għandu jkun is-somma tal-iffrankar tas-CO₂ tal-ekoinnovazzjonijiet individwali.

Jekk l-ekoinnovazzjonijiet ikollhom interazzjonijiet bħal dawn, il-manifattur għandu jipprovdi rapport minn korp indipendenti u ċertifikat dwar l-impatt tal-interazzjoni fuq l-iffrankar totali tal-ekoinnovazzjonijiet fil-vetturi, sakemm dan l-impatt ma jkunx kwantifikat fid-deċiżjoni tal-approvazzjoni.

Meta, minħabba interazzjonijiet bħal dawn, l-iffrankar totali tas-CO₂ ikun anqas minn 0,5 g CO₂/km immultiplikata bl-għadd ta' ekoinnovazzjonijiet installati fil-vettura, l-iffrankar tas-CO₂ ma għandux jitqies għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip u l-valur tagħhom ma għandux jiġi indikat fiċ-ċertifikat ta' konformità.

5. Fil-każ ta' vetturi kompluti relatati ma' vetturi bażi mhux kompluti kif definiti fir-Regolament (UE) 2018/858, l-Artikolu 3, għandhom jitqiesu biss l-ekoinnovazzjonijiet installati fil-vettura bażi għaċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tas-CO₂ minn ekoinnovazzjoni.

Artikolu 8

Rieżami tal-iffrankar tas-CO₂

1. Il-Kummissjoni tista' tivverifika l-iffrankar tas-CO₂ attribwit lil vetturi individwali bl-użu ta' metodoloġija stabbilita fid-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni applikabbli.

2. Meta ssib li hemm differenza bejn l-iffrankar iċċertifikat tas-CO₂ u l-iffrankar tas-CO₂ li tkun ivverifikat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifattur bis-sejbiet tagħha.

Il-Kummissjoni tista' wkoll, fejn issib, jew tkun infurmata dwarhom, devjazzjonijiet jew inkonsistenzi fil-metodoloġija jew fit-teknoloġija innovattiva meta mqabbla mal-informazzjoni li tkun irċeviet bħala parti mill-applikazzjoni, tinnotifika lill-manifattur dwar dan.

Il-manifattur għandu, fi żmien 40 jum xogħol minn meta jirċievi n-notifika, jipprovdi lill-Kummissjoni b'evidenza li turi l-eżattezza tal-iffrankar ta' CO₂ iċċertifikat.

3. Meta l-evidenza msemmija fil-paragrafu 2 ma tiġix ipprovduta fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, jew meta ssib li l-evidenza pprovduta ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tqisx l-iffrankar iċċertifikat tas-CO₂ għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' dak il-manifattur għas-snin kalendarji kollha li għalihom jkun ġie kkunsidrat dak l-iffrankar iċċertifikat tas-CO₂.

Artikolu 9

Tħassir

Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 725/2011 u (UE) Nru 427/2014 jitħassru.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
